BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 27**

**IT-TLIETA 12 TA' APRIL, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' biex ikompli l-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 7 ta' April, 2011, fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsill.

**IT-TIENI SEDUTA**

**PREŻENTI ( Sitt Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Is-Sur James Cauchi (skuża aċċettata mill-Kunsill)

**AĠENDA**

1. Minuti
2. Pagamenti għax-xahar ta' Frar u Marzu 2011
3. Mozzjonijiet
4. Rapport dwar Laqgħa tal-Lokalita'
5. Abbozz Pjan ta' Ħidma għas-snin 2011 – 2013
6. Aġġudikar ta' Tenders
7. Korrispondenza

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**27/07** **AĠĠUDIKAR TA' TENDERS**

**27/07/03** **Tender KLBO 03/2011 – Accountancy Services**
Il-Kunsill ġie preżentat b'ħames tenders li ntefgħu għas-servizz ta' l-accountancy. Dawn kienu:

1) D. Consulta Ltd - Euro 1,900
2) Erremme Options Ltd - Euro 2,790
3) Ernst & Young - Euro 9,940
4) BT Consulting Ltd - Euro 3,995
5) Lawrence Cauchi - Euro 6,500

Il-Kunsill għażel b'vot unanimu s-servizzi ta' BT Consulting Ltd. Ir-raġuni hi li l-irħas tnejn, il-Kunsill ħass li l-ammont offrut huwa baxx ħafna meta mqabbel ma' dak mistenni mill-Kunsill. Għaldaqstant fost it-tlieta l-oħra l-Kunsill għazel l-irħas waħda.

**27/07/04** **Tender KLBO 02/2011 – Construction of Public Convenience**

Il-Kunsill ġie preżentat b'erba' tenders li ntefgħu biex tinbena latrina pubblika. Dawn kienu:

1) RMS Ltd - Euro 24,653.39
2) Andre' Escave Co. Ltd - Euro 59,101.24
3) Euro Clean Waste Services - Euro 33,094.00
4) Silvar Construction & Services Ltd - Euro 38,438.55

Il-Kunsill innota li l-irħas offerta hija ta' RMS Ltd imma minħabba l-esperjenza passata tal-Kunsill, il-Kunsill ma jħoss li ngħata xogħol ta' kwalita'. L-Euro Clean huwa t-tieni l-irħas pero dan m'għandu l-ebda esperjenza f'dan il-qasam. It-tielet l-irħas hija ta' Silvar Construction Services Ltd u l-Kunsill ħass b'vot unanimu li għandu jgħati din it-tender lilu minħabba l-esperjenza passata li kienet pożittiva.

**27/07/05** **Tender KLBO 01/2011 – Maintenance and Construction of Roads and Footpaths.**

Il-Kunsill ġie preżentat bi tliet tenders li ntefgħu għall-manutenzjoni u kostruzzjoni ta' toroq u bankini. Dawn kienu:

1) Road Maintenance Services
2) Silvar Construction & Services Ltd
3) Gordon Ellul

Il-Kunsill innota li fejn jidħol xogħol b'makkinarju il-prezzijiet ta' RMS huma rħas ħafna meta mqabla mal-prezzijiet tas-suq u mhux armat għal xogħlijiet kbar, skont il-fehma tal-Perit tal-Kunsill. Il-prezzijiet ta' Gordon Ellul skont il-Perit huma għoljin. Għaldaqstant, wara konsiderazzjoni, l-Kunsill unanimament għażel lil Silvar Construction għax skont l-esperjenza tal-passat il-prezzijiet huma raġjonevoli u x-xogħol dejjem kien ta' kwalita' tajba kif ukoll armat għal xogħolijiet kbar.

**27/08** **KORRISPONDENZA**

**27/08/01** **Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva (05/1148/11/IN)**

Il-Kunsill ġie nfurmat mid-Direttur tal-Gvern Lokali li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni laqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill u ddeċieda li ningħataw l-ammont ta' Euro 7,500 f'għajnuna finanzjarja għall-proġett ta' pannelli fotovoltajiċi għall-bini ta' l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

**27/08/02** **Reviżjoni ta' Stima min Nexos Street Lighting**
Il-Kunsill unanimament m'aċċettax li jħallas iktar mill-ammont ikwotat qabel minn Nexos Street Lighting għall-installazzjoni ta' żewġ arbli għar-raġuni li l-ammont tal-kwotazzjoni kien diġa dikjarat fil-minuti ta' laqgħa fil-passat.

**27/08/03** **Grawnds Peppi Delceppo (05/1035/11/IN)**
Is-Sur Demis Darmanin talab lill-Kunsill biex jestendilu l-kuntratt tal-kiri tal-bar tal-grawnds Peppi Delceppo biex b'hekk ikun f'pożizzjoni li jinvesti aktar.
Il-Kunsill unanimament ma aċċettax il-proposta tas-Sur Demis Darmanin għax mhux possibli li propjeta' tal-Kunsill tinkera għal aktar minn tliet snin.

**27/08/04** **Skema dwar inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 (05/1107/11/IN)**
Il-Kunsill ġie nfurmat li għall-applikazzjoni ta' 'Dock Fest 2011', ġejna mgħotija s-somma ta' Euro 3,000. Il-Kunsill innota wkoll li din l-attivita' se taħbat fl-istess ġurnata ta' Notte Bianca tal-Belt Valletta. Għal dan il-għan, il-Kunsill approva li s-Sur John Vella jitkellem mas-Sur Martin Morana ta' l-Awtorita tat-Turiżmu u wara jinforma l-Kunsill.

**27/08/05** **Xkaffar għall-Librerija Pubblika (05/1137/11/IN)**
Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni biex isiru tlett units ta' l-ixkaffar fil-librerija pubblika ta' Bormla li tammonta għal Euro 443.40. Il-Kunsill approva li niktbulhom u ninfurmawhom li se ngħamluhom aħna.

**27/08/06** **Is-Sinjura Debbie Cassar (05/0776/11/IN)**
Il-Kunsill ġie nfurmat li rċevejna komunikat mill-Ombudsman fejn infurmana li l-ilment tas-Sinjura Debbie Cassar ġie fil-mertu miċħud.

**27/08/07** **Young Musician of the Year**
Is-Sindku u s-Sur John Vella ħadu l-inkarigu li jaraw mal-Każin tal-Banda jekk għandhomx lil xi ħadd li jixtiequ jinnominaw għall-'Young Musician of the Year.'

**27/08/08** Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw għaxar tokens u għaxar midalji għall-attivita' li se ssir mal-Club tal-Football tal-lokal.

Fit-8.10pm, il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġornata għat-1 ta' Mejju, 2011, fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Joseph Scerri | Joseph Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |